

Ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni, minkejja li fehmet li Mamoli realment tinsab f-sitwazzjoni ekonomika gravi li taffettwa l-kapaċċità kontributiva tal-impriża, xorta waħda adottat deċiżjoni li mhijiex adegwata sabiex jintlaħaq l-għan imfitteq.

sensittiva kif ukoll, sussidjarjament, it-tnaqqis tal-ammont tal-multa imposta fuqhom.

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jressqu l-motivi segwenti:

(¹) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003, tas-16 Diċembru 2002, fuq l-implementazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205)

L-ewwel, ir-rikorrenti jallegaw li l-Kummissjoni ma osservatx l-istandardi legali applikabbli fil-kuntest tal-isforzi tagħha sabiex tistabbilixxi l-parteċipazzjoni ta' Ideal Standard Italia s.r.l. u ta' Ideal Standard GmbH fi ksur relatat maċ-ċeramika fl-Italja.

Rikors ippreżentat fit-8 ta' Settembru 2010 — Wabco Europe et vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-380/10)

(2010/C 288/114)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Wabco Europe BVBA (Brussell, il-Belġju), Wabco Austria GesmbH (Vjenna, l-Awstrija), Trane Inc. (Piscataway, l-Istati Uniti), Ideal Standard Italia s.r.l. (Milano, l-Italja) u Ideal Standard GmbH (Bonn, il-Ġermanja), (rappreżentanti: S. Völcker, F. Louis, A. Israel u N. Niejahr, avukati, C. O'Daly u E. Batchelor, Solicitors, u F. Carlin, Barrister)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet tar-riktorrenti

- tannulla parzjalment l-Artikolu 2 u, sa fejn neċċessarju, it-tielet u r-raba subparagraphi tal-Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru C(2010) 4185 finali, tat-23 ta' Ġunju 2010, fil-Każ COMP/39092 — Installazzjonijiet sanitariji għall-kmamar tal-banju, installażżeen sanitariji għall-kmamar tal-banju, relatata ma' akkordju bejn impriżi li jkopri s-suq Belġjan, Ġermaniż, Franċiż, Taljan, Olandiż u Awstrijak ta' installazzjonijiet sanitariji għall-kmamar tal-banju, dwar il-prezijiet tal-bejgħ u l-iskambju ta' informazzjoni kummerċjali
- tnaqqas l-ammont tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti; u
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Permezz tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jitkolu, skont l-Artikolu 263 TFUE, l-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru C(2010) 4185 finali, tat-23 ta' Ġunju 2010, fil-Każ COMP/39092 — Installazzjonijiet sanitariji għall-kmamar tal-banju, relatata ma' akkordju bejn impriżi li jkopri s-suq Belġjan, Ġermaniż, Franċiż, Taljan, Olandiż u Awstrijak ta' installazzjonijiet sanitariji għall-kmamar tal-banju, dwar il-prezijiet tal-bejgħ u l-iskambju ta' informazzjoni kummerċjali

It-tieni, ir-rikorrenti jallegaw li l-Kummissjoni naqset mill-tnaqqas il-multa imposta fuqhom għall-ksur Franċiż u Belġjan minkejja li tat-immunità parżjali minn multi għal tali ksur skont l-aħħar paragrafu tal-punt 23 tal-Avviż tal-Kummissjoni tal-2002 dwar l-immunità minn multi u tnaqqis f'multi f'każiżiet ta' kartell (¹).

It-tielet, ir-rikorrenti jallegaw li l-Kummissjoni żabaljat meta kkonstatat li Grohe Beteiligungs GmbH u Grohe AG u s-sussidjarji tagħha, minnflokk Ideal Standard Italia s.r.l. u Ideal Standard GmbH, kienu l-ewwel li pprovdew "valur miżjud sinnifikattiv" skont l-Avviż tal-Kummissjoni tal-2002 dwar l-immunità minn multi u tnaqqis f'multi f'każiżiet ta' kartell.

Fl-aħħar, ir-rikorrenti jallegaw li l-applikazzjoni retroattiva tal-Kummissjoni tal-Linji gwida tal-2006 għall-kalkolu tal-multi imposta skont l-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament Nru 1/2003 (²) kienet illegali, inkwantu ppenalizzat lil Ideal Standard Italia s.r.l. u lil Ideal Standard GmbH għat-tip ta' informazzjoni li pprovdiet bħala dik li qed titlob il-klementa bl-aspettattiva in bona fine li l-Kummissjoni ma tbiddilx drastikament il-kuntest applikabbli fil-qasam tal-multi għad-detriment tagħhom.

(¹) Avviż tal-Kummissjoni dwar l-immunità minn multi u tnaqqis f'multi f'każiżiet ta' kartell (ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 155).

(²) Linji gwida għall-kalkolu tal-multi imposta skont l-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament Nru 1/2003 (ĠU 2006 C 210, p. 2).

Rikors ippreżentat fit-8 ta' Settembru 2010 — Spanja vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-384/10)

(2010/C 288/115)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrent: Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentant: J. Rodríguez Cárcamo)